# Mid-Djarju tat-Tarzna

P. Sciberras

mill-vixxri ta' vapur
f'lejla ta' azzar imdewweb
splodew ħelliesa
il-gass
u
l-għaraq jikwi
ta' disa' "boilersuits"
jintonaw 'de profundis'
fil-luttu ta' l-imbikkma

U qajla jingħalqu l-ġrieħi
fir-reżħa tas-sodod mifruxa
minn ommijiet u romol
idommu
rużarju ta' lfiq u mħabba
u litanija mkissra ta' tifkiriet

għal żmien
jissoktaw għajnejn iż-żgħar
jiddendlu lefliefa
max-xquq tal-bwieb u l-kantunieri
bl-istennija tad-"daddy"

u meta jiskot kollox
u l-faraġ iħoll
il-għoqod ta' l-imġarrba
jibqa' l-mafkar li jtenni l-ġrajja
tal-mewt
tidħol u toħroġ minn bieb it-tarzna
mingħajr sirena.